Nru. 18,214
Prezz/Price
€1.30 (Lm0.56)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 20 ta' Marzu, 2008
Thursday, 20th March, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 256

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti, Ministeru tal-Finanzi, Ekonomija u Investiment, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Francis Bajada	Direttur Ġenerali *Director General*	Teżor *Treasury*	18.03–01.04.2008

L-20 ta' Marzu, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 256

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (TREASURY)

THE Permanent Secretary, Ministry of Finance, Economy and Investment, has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Francis Bajada	Direttur Ġenerali *Director General*	Teżor *Treasury*	18.03–01.04.2008

20th March, 2008

Nru. 257

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Komunikazzjoni u Proġetti Nazzjonali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr J Cachia	A/Direttur Ġenerali A/*Director General*	Avjazzjoni Ċivili *Civil Aviation*	17-20.3.2008

L-20 ta' Marzu, 2008

No. 257

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Communications and National Projects has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr J Cachia	A/Direttur Ġenerali A/*Director General*	Avjazzjoni Ċivili *Civil Aviation*	17-20.3.2008

20th March, 2008

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet tal-*London Chamber of Commerce and Industry Series 2 2008*

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li t-*timetables* ta' l-Eżamijiet tal-*London Chamber of Commerce and Industry Series 2 2008* intbagħtu lill-kandidati kkonċernati.

Dawk il-kandidati li ma rċevewx it-*timetables* huma mitluba biex jikkuntattjaw lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana fuq 25982204 jew iċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex fuq 21558341 minnufih.

L-20 ta' Marzu, 2008

EXAMINATIONS DEPARTMENT

London Chamber of Commerce and Industry Series 2 2008 Examinations

The Director of Examinations notifies candidates that the timetables for the London Chamber of Commerce and Industry - Series 2 2008 Examinations have been sent to the candidates concerned.

Those candidates who have not received their timetables can contact the Department of Examinations, Floriana on 25982204 or the Examinations Centre, Victoria, Gozo on 21558341 immediately.

20th March, 2008

KUNSILL LOKALI NAXXAR

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skond l-artikolu 70 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), se ssir laqgħa annwali tal-lokalità nhar it-Tlieta, il-25 ta' Marzu 2008 fis-Sala tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku, in-Naxxar, fis-7.30 p.m.

Għal din il-laqgħa huma mħeġġa li jattendu u jieħdu sehem fid-diskussjoni dawk il-persuni kollha li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Naxxar.

Ir-residenti li jattendu jkunu jistgħu jagħmlu suġġerimenti biex jiġu kkunsidrati mill-Kunsill.

L-20 ta' Marzu, 2008

NAXXAR LOCAL COUNCIL

Annual Public Meeting

In accordance with section 70 of the Local Councils' Act (Cap. 363), an annual public meeting will be held on Tuesday, 25th March 2008 at Local Council Hall at the Civic Centre, Naxxar, at 7.30 p.m.

All residents whose names appear in the last Naxxar Local Council's Electoral Register are urged to attend and to participate in this discussion.

All participans may put forward their suggestions for the Council's consideration.

20th March, 2008

KUNSILL LOKALI SLIEMA

Il-Kunsill Lokali Sliema jgħarraf illi se jsiru xogħlijiet nhar il-Ħadd, is-6 ta' April, 2008, bejn is-7.00 a.m. u s-7.00 p.m. fin-naħa ta' isfel ta' Triq it-Torri, Tas-Sliema. It-trasport pubbliku se jiddawwar fiż-żewġ direzzjonijiet minn naħa ta' Triq Bisazza u vetturi żgħar se jiddawru mix-xatt ta' Qui-si-Sana u Triq Manuel Dimech, Tas-Sliema.

M'hu permess l-ebda pparkjar in-naħa ta' isfel ta' Triq it-Torri minn Zara sa Triq it-Torri kantuniera ma' Triq Bisazza u Triq Bisazza kollha, Tas-Sliema. Vetturi pparkjati jiġu rmunkati.

L-20 ta' Marzu, 2008

SLIEMA LOCAL COUNCIL

The Sliema Local Council notifies that works will be carried out on Sunday, 6th April, 2008, between 7.00 a.m. and 7.00 p.m. at lower Triq it-Torri, Sliema. Public transport will be diverted both ways through Triq Bisazza and light vehicles will be diverted from Qui-si-Sana seafront and Triq Manwel Dimech, Sliema.

No parking is allowed in lower Triq it-Torri from Zara till Triq it-Torri corner with Triq Bisazza and all Triq Bisazza, Sliema. Parked cars will be towed away.

20th March, 2008

The Results of the Local Council Elections held on the 8th March, 2008 may be viewed on the website of the Department of Information

CLICK HERE TO VIEW RESULTS

AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

464

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-20 ta' Frar 2008, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-20 ta' Frar 2008 fuq talba ta' l-Avukat Dott. Luigi A. Sansone noe ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil STUMAR P/C ETS H B A, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat nru 170/08AL fl-ismijiet Dott. Luigi A. Sansone noe vs. Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors maħluf ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Avukat Dott. Luigi A. Sansone, LL.B.(Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali ta' The Polo/Lauren Company, L.P. soċjetà estera rreġistrata fl-Istat ta' New York (Stati Unit ta' l-Amerika) b'indirizz ta' 650, Madison Avenue, New York, New York 10022, Stati Uniti ta' l-Amerika kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil STUMAR P/C ETS H B A ta' Route du Port, Rades 2040, Tuneżija, fit-18 ta' Frar, 2008, ir-rikorrenti nomine talab lil din l-onorabbli Qorti:

(1) Tiddikjara li l-oġġetti konsistenti fi kwantitajiet ta' qomos ...omissis... li jinsabu preżentement miżmuma taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-container INKU 2495739 kien fih l-imsemmija oġġetti, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi;

(2) Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerċ b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjetà attriċi jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oġġetti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lill-, u għas-spejjeż tal-konvenuta;

(3) Tieħu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti, kull miżura oħra li jkollha l-effetti li effettivament iċċaħħad lill-konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni;

It is hereby notified that by means of a decree of the 20th February 2008, the First Hall Civil Court ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court on the 20th February 2008 following a request by Advocate Dr Luigi A. Sansone noe it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the respondent commercial company STUMAR P/C ETS H B A, in the records of the Sworn Application 170/08AL in the names Dr Luigi A. Sansone noe vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of the Sworn Application filed in the First Hall Civil Court in the names Dr Luigi A. Sansone, LL.B. (Hons), LL.D., holder of Identity Card number 258269 letter "M", as special mandatary of the foreign company The Polo/Lauren Company, L.P. a foreign company registerd in the State of New York (United States of America) with the address 650, Madison Avenue, New York, New York 10022, United States of America against deputy curators to represent STUMAR P/C ETS H B A of Route du Port, Rades 2040, Tunisia, on the 18th February 2008, the applicant nomine asked this Honourable Court to:

(1) Declare that the objects consisting in shirts ...omissis... which at present are under the authority of the Comptroller of Customs after he suspended the release of container INKU 2495739 which contained the said objects, contravened the intellectual property rights of the plaintiff company;

(2) Order the Comptroller of Customs to dispose of the said objects outside the channels of trade in such a manner as to preclude any damage to the plaintiff company or order the Comptroller of Customs to destroy those objects, in any case without any compensation to, and at the cost of the defendant;

(3) To take or order the Comptroller of Customs to take as regards those objects any other measures that shall have the effect to deprive the defendant from the economic benefits of the transaction;

(4) Tordna li l-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ...omissis...

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha.

Lista ta' Xhieda

Elenku ta' dokumenti

Attur nomine Dott. Luigi A. Sansone, LL.B.(Hons), LL.D., detentur tal-karta ta' identità numru 258269 ittra "M", bħala mandatarju speċjali ta' The Polo/Lauren Company, L.P. soċjetà estera rreġistrata fl-Istat ta' New York (Stati Uniti ta' l-Amerika) b'indirizz ta' 650, Madison Avenue, New York, New York 10022, Stati Uniti.

84, Melita Street, Valletta VLT 12.

Konvenuta Kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil STUMAR P/C ETS H B A ta' Route du Port, Rades 2040, Tuneżija.

Il-Qorti, Valletta (żewġ kopji).

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuratur ta' l-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l- Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo, LL.D.

Illum 20 ta' Frar, 2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 17 ta' Marzu, 2008.

AVV DOTT FRANK PORTELLI LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

(4) Order the defendant to bear all the costs connected with the ordered measures ...omissis...

With costs, against the defendant who is from now summoned so that a reference to its evidence may be made.

List of witnesses

List of documents

Plaintiff nomine Dr Luigi A. Sansone, LL.B.(Hons), LL.D., holder of Identity Card number 258269 letter "M", as special mandatary of The Polo/Lauren Company, L.P. a foreign company registerd in the State of New York (United States of America) with the address 650, Madison Avenue, New York, New York 10022, United States of America.

84, Melita Street, Valletta VLT 12.

Defendant Deputy curators to represent STUMAR P/C ETS H B A of Route du Port, Rades 2040, Tunisia.

Courts of Justice Valletta (two copies).

Your are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr. Justice Giannino Caruana Demajo, LL.D.

Today 20th February, 2008.

Registry of the Superior Courts, today 17 March, 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*